**152. Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Edward Fenech Adami, jipproponi:**

Billi l-Kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi fl-Artiklu 57 (1) illi "l-membri tal-Kamra tad-Deputati għandhom jiġu eltti fuq il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali permezz ta' vot singlu transferibbli ...";

Billi fl-elezzjoni tat-12 ta' Diċembru, 1981, il-maġġoranza assoluta ta' voti mogħtija lil partit wieħed ma ġietx riflessa fl-istess proporzjon ta' deputati u b'hekk ir-riżultat ta' l-elezzjoni ġieb fix-xejn il-prinċipju ta' rappreżentanza proporzjonali msemmi fil-Kostituzzjoni;

Billi dan ir-riżultat seta' jinkiseb minħabba l-fatt li ftit anqas minn wieħed minn sitta tal-voti validi f'kull distrett ma jiġix utilizzat skond ir-regoli elettorali attwali;

Billi dan il-Parlament jaqbel li mhux sewwa li "jkun hemm partit li jkollu anqas voti u aktar siġġijiet" u huwa xieraq li dan id-difett fil-liġi elettorali jiġi rranġat biex ma jkunx jista' jerġa' jiġri dak li ġara fl-elezzjoni ta' l-1981;

Il-Kamra taqbel li jiġi nominat Kumitat Magħżul tagħha, magħmul minn seba' deputati biex, fl-aqsar żmien raġonevoli, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1984, jirrakkommanda x'tibdil għandu jsir fil-liġijiet elettorali, u, jekk huwa xieraq, fil-Kostituzzjoni, biex kull partit f'elezzjoni jikseb numru ta' deputati l-aktar viċin possibbli għall-perċentwali ta' voti li jkun ġab u biex partit li jkollu maġġoranza assoluta ta' voti jkollu dejjem maġġoranza assoluta ta' deputati.

Il-Kumitat jista' wkoll jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kamra dwar kif il-Kostituzzjoni tista' tiġi msaħħa u mħarsa.

**02.04.1984**

**Il-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, ressaq din l-emenda:**

"Ħassar il-kliem kollu wara l-kelma "Billi" li biha tibda l-mozzjoni, u daħħal floku dan li ġej:

Il-Kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi fl-Artiklu 57 (1) illi "l-Membri tal-Kamra tad-Deputati jiġu eletti fuq il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali permezz ta' vot singlu trasferibbli minn dak in-numru ta' distretti elettorali li jkun numru fard, u li ma jkunx inqas minn 9 u mhux aktar minn 15, kif il-Parlament jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi"; u

Billi l-istess Kostituzzjoni tipprovdi fl-Artiklu 81 illi "kull meta jkun hemm lok għall-ħatra ta' Prim Ministru, il-President għandu jaħtar bħala Prim Ministru l-membru tal-Kamra tadDeputati li fil-ġudizzju tiegħu jkun l-aħjar li jkun jista' jgawdi l-appoġġ tal-maġġoranza talmembri tal-Kamra u għandu, waqt li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru, jaħar lill-Ministri l-oħra minn fost il-Membri tal-Kamra tad-Deputati"; u

Billi bħala riżultat tal-Elezzjoni tat-12 ta' Diċembru 1981 il-Partit tal-Ħaddiem, mmexxi millOnorevoli Dom Mintoff, kiseb il-maġġoranza tal-membri tal-Kamra skond il-Kostituzzjoni; u l-President tar-Repubblika, bis-saħħa u skond l-istess Kostituzzjoni, ħatar l-imsemmi Mexxej tal-Partit tal-Ħaddiema bħala Prim Ministru biex jifforma Kabinett li jkollu d-direzzjoni ġenerali u l-kontroll tal-Gvern ta' Malta u jkun responsabbli kollettivament lejn din il-Kamra tad-Deputati; u

Billi l-Membri ta' l-Oppożizzjoni ma osservawx il-Kostituzzjoni kemm bil-kliem, kif ukoll bilfatti, u dan b'disprezz tal-Kostituzzjoni; u

Billi s'issa ma dehret ebda proposta min-naħa tal-Oppożizzjoni - f'ebda okkażjoni la filParlament u lanqas barra u f'ebda diskussjonijiet la formali u lanqas informali - li biha tista' titjieb is-sistema elettorali ħalli, mingħajr ma jitneħħa d-dritt demokratiku illi ċ-ċittadini jingħaqdu f'partiti politiċi żgħar jew kbar,
in-numru ta' Deputati eletti fl-Elezzjoni jkun jaqbel eżatt mal-proporzjon tal-voti li jkun kiseb kull partit politiku; u

Billi f'dan l-istadju l-ħatra ta' Kumitat Magħżul dwar tibdil fil-liġijiet Elettorali u filKostituzzjoni, ma hija xejn ħlief mezz ieħor tal-Kap tal-Oppożizzjoni ħalli jkompli jfixkel lillpajjiż, fil-mixja tiegħu skond il-Kostituzzjoni tal-lum, li hija aħjar minn kull waħda ta' qabel u li saret għall-ewwel darba mill-Maltin għall-Maltin; u

Peress li l-Kap tal-Oppożizzjoni qed jitlob il-ħatra ta' Kumitat Magħżul tal-Kamra wara li pprova jġib kaos fil-pajjiż billi:

(a) ittanta li jagħmel u fallielu reżistenza passiva u diżubbidjenza ċivili, u saħansitra ġie misjub li partitarji Nazzjonalisti kellhom għandhom armi li bihom seta' jinqala' inkwiet u taħwid kbir fil-pajjiż; u

(b) għamel minn kollox biex iġib fid-disprezz lil diversi awtoritajiet tal-pajjiż fosthom lillUffiċjal Elettorali Ewlieni, lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Awtorità tax-Xandir, lillPublic Service Commission, lill-Parlament u li Speaker tiegħu, u lil awtoritajiet li huma nkarigati biex jissalvagwardjaw il-ħajja demokratika tal-pajjiż; u

(c) wara li l-Kap tal-Oppożizzjoni mar fl-Ewropa u għamel minn kollox biex jagħti stampa falza li f'Malta hawn dittatorjat, u ħeġġeġ lill-pajjiżi tal-Ewropa ma jagħtux lill-pajjiżna dak li ħaqqu, bl-iskop li l-Gvern Soċjalista ma jkunx jista' jmexxi u bl-iskop li jkun hawn it-taħwid fil-pajjiż;

Din il-Kamra tiddeċiedi li fis-Seduta li jmiss, tiddiskuti mozzjoni oħra dwar dan is-suġġett, li tagħha l-Prim Ministru diġà ta avviż; biex b'hekk jiġu miflija proposti aktar serji, f'atmosfera ta' rieda tajba mill-Maltin kollha partikolarment minn dawk li jieħdu parti attiva fil-politika, biex ikun jista' jsir titjib fil-Kostituzzjoni u f'liġijiet oħra, li verament iġib s-sliem fil-pajjiż.".

**Il-mozzjoni għaddiet kif emendata f'Seduta Nru 177 tat-Tlieta 5 ta' Ġunju 1984.**